# ID-DIRETTIVA 2004/101/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Ottubru 2004

## li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, fir-rigward tal-mekkaniżmi tal-proġett tal-Protokoll ta' Kjoto

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 2003/87/KE ([3]) tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità sabiex tippromwovi tnaqqis ta' emissjonijiet tal-gass serra b'mod li jagħti profitt u li jkun ekonomikament effiċjenti, waqt li jiġi rikonoxxut il-fatt li għal żmien fit-tul, l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra jkunu jridu jitnaqqsu b'madwar 70 % meta mqabbla mal-livelli ta' l-1990. Il-mira tagħha hi li tikkontribwixxi għat-twettiq ta' l-impenni tal-Komunità u ta' l-Istati Membri tagħha sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra antropoġeniċi taħt il-Protokoll ta' Kjoto li ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE tal-25 ta' April 2002 dwar l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (*UNFCCC*) u t-twettiq konġunt ta' l-impenni li hemm fih ([4]).

(2) Id-Direttiva 2003/87/KE tiddikjara li r-rikonoxximent ta' krediti minn mekkaniżmi bbażati fuq proġett sabiex iwettqu l-obbligi sa mill-2005 ser iżidu l-profitt li jista' jinkiseb mill-fatt illi jintlaħaq tnaqqis ta' emissjonijiet globali ta' gass serra u għandhom jiġu previsti b'dispożizzjonijiet li jgħaqqdu l-mekkaniżmi bbażati fuq il-proġett tal-Kjoto inkluża l-Implementazzjoni Konġunta (*JI*) u l-Mekkaniżmu ta' Żvilupp Nadif (*CDM*) ma' l-iskema tal-Komunità ta' skambju ta' emissjonijiet ("l-Iskema tal-Komunità").

(3) Meta jingħaqdu l-mekkaniżmi ta' Kjoto bbażati fuq proġetti ma' l-iskema tal-Komunità, waqt li tiġi salvagwardjata l-integrità ambjentali tagħha, ikun hemm l-opportunità li jintużaw il-krediti ta' emissjoni ġġenerati permezz ta' l-attivitajiet ta' proġetti eleġibbli taħt l-Artikoli 6 u 12 tal-Protokoll ta' Kjoto sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi ta' l-Istati Membri taħt l-Artikolu 12 (3) tad-Direttiva 2003/87/KE. Bħala riżultat, dan iżid id-diversità ta' għażliet ta' konformità ta' spiża baxxa fl-iskema tal-Komunità li jwassal għal tnaqqis ta' l-ispejjeż ġenerali ta' konformità mal-Protokoll ta' Kjoto waqt li titjieb il-likwidità tas-suq tal-Komunità tal-kwoti ta' emissjoni ta' gass serra. Meta tkun stimulata t-talba għal krediti, kumpanniji tal-Komunità jinvestu fl-iżvilupp u t-trasferiment ta' teknoloġiji avvanzati u ambjentalment validi u fin-*know-how*. It-talba għall-krediti *CDM* tiġi wkoll stimulata u b'hekk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jospitaw proġetti *CDM* ikunu mgħejjuna fil-kisba tagħhom għal miri ta' żvilupp sostenibbli.

(4) Barra mill użu tal-mekkaniżmi ta' Kjoto bbażati fuq proġetti mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha, u minn kumpanniji u individwi barra mill-iskema tal-Komunità, dawk il-mekkaniżmi għandhom ikunu konnessi ma' l-iskema tal-Komunità b'tali mod li jiżguraw konsistenza ma' l-*UNFCCC* u l-Protokoll ta' Kjoto u mad-deċiżjonijiet sussegwenti adottati taħthom kif ukoll mal-miri u l-arkitettura ta' l-iskema u tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bid-Direttiva 2003/87/KE.

(5) L-Istati Membri jistgħu jħallu operaturi jużaw reduzzjonijiet ta' emissjoni ċċertifikati (*CERs*) mill-2005 u unitajiet ta' riduzzjoni ta' emissjonijiet (*ERUs*) mill-2008 fl-iskema Komunitarja. L-użu ta' *CERs* u *ERUs* mill-2008 hu permess biss sa persentaġġ ta' l-allokazzjoni għal kull

([1]) ĠU C 80, tat-30.3.2004, p 61

([2]) L-opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' April 2004 (għada mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2002 (għada mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) ĠU L 275, tal-25. 10. 2003, p. 32.

([4]) ĠU L 130, tal-15.5.2002, p. 1.

installazzjoni, li jiġi speċifikat minn kull Stat Membru fil-Pjan ta' l-Allokazzjoni Nazzjonali tiegħu. L-użu jseħħ permezz tal-ħruġ u ċ-ċediment immedjat ta' kwota waħda bi tpartit ma' *CER* jew *ERU* waħda. Kwota maħruġa bi tpartit ma' *CER* jew *ERU* tkun tikkorrispondi għal dak il-*CER* jew *ERU*.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni dwar sistema ta' reġistri li tkun standardizzata u żgura, li tkun adottata skond l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2003/87/KE u l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru. 280/2004/KE[1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ ta' emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u għall-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Kjoto ([1]), jipprovdi għall-proċessi u proċeduri rilevanti fis-sistema ta' reġistri li jiġu wżati fl-użu ta' CERs matul il-perjodu 2005-2007 u perjodi sussegwenti, u fl-użu ta' ERUs matul il-perjodu 2008-2012 u perjodi sussegwenti.

(7) Kull Stat Membru jiddeċiedi dwar il-limitu għall-użu ta' *CERs* u *ERUs* mill-attivitajiet ta' proġetti bir-rigward dovut għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Protokoll ta' Kjoto u l-Akkordji ta' Marrakesh, sabiex jintlaħqu l-ħtiġiet tagħhom li l-użu tal-mekkaniżmi għandu jkun supplimentari għall-azzjoni domestika. B'hekk l-azzjoni domestika tkun tikkostitwixxi element sinifikanti ta' l-isforz li jkun sar.

(8) Skond il-*UNFCCC*u l-Protokoll ta' Kjoto u d-deċiżjonijiet sussegwenti adottati taħthom, l-Istati Membri għandhom iżommu lura milli jużaw *CERs* u *ERUs* iġġenerati minn faċilitajiet nukleari sabiex jissodisfaw l-impenji tagħhom taħt l-Artikolu 3 (1) tal-Protokoll ta' Kjoto u d-Deċiżjoni 2002/358/KE.

(9) Id-Deċiżjonijiet 15/CP.7 u 19/CP.7 adottati skond il-*UNFCCC*u l-Protokoll ta' Kjoto jenfasizzaw li l-integrità ambjentali għandha tintlaħaq permezz ta' inter alia, modalitajiet, liġijiet u linji gwida sodi għall-mekkaniżmi, prinċipji u regoli qawwija dwar l-użu ta' l-art, l-użu ġdid ta' l-art u attivitajiet ta' afforestazzjoni, u li l-kwistjonijiet dwar in-nonpermanenza, l-addizzjonalità, il-*leakage*, l-inċertezzi u impatti soċjo-ekonomiċi u ambjentali, inklużi l-impatti fuq il-biodiversità u l-ekosistemi naturali, assoċjati ma' attivitajiet ta' proġetti ta' afforestazzjoni u afforestazzjoni mill-ġdid għandu jittieħed kont tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, fir-reviżjoni tagħha tad-Direttiva fl-2006, dispożizzjonijiet tekniċi dwar in-natura temporanja tal-krediti u l-limitu ta' 1 % għall-eliġibilità għall-attivitajiet ta' proġetti ta' użu ta' l-art, l-użu ġdid ta' art u l-afforestazzjoni kif stabbilit fid-Deċiżjoni 17/CP.7, u dispożizzjonijiet dwar ir-riżultat tal-valutazzjoni tar-riskji potenzjali assoċjati ma' l-użu ta' organiżmi modifikati ġenetikament u speċji barranin li huma potenzjalment invażivi b'attivitajiet ta' proġetti ta' l-afforestazzjoni u l-afforestazzjoni mill-ġdid, sabiex iħallu lill-operaturi jużaw *CERs* u *ERUs* li jirriżultaw minn attivitajiet ta' proġetti ta' l-użu ta' l-art, l-użu ġdid ta' l-art u l-afforestazzjoni fl-iskema tal-Komunità mill-2008, skond id-deċiżjonijiet adottati skond il-*UNFCCC* jew il-Protokoll ta' Kjoto.

(10) Sabiex jiġi evitat l-għadd doppju, *CERs* u *ERUs* ma għandhomx jinħarġu bħala riżultat ta' attivitajiet ta' proġetti li jkunu saru fil-Komunità u li jwasslu wkoll għal tnaqqis fi, jew limitazzjoni ta', emissjonijiet minn installazzjonijiet koperti bid-Direttiva 2003/87/KE, sakemm ma jiġix ikkanċellat numru ekwivalenti ta' kwoti mir-reġistru ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini tal-*ERUs* jew *CERs*.

(11) Skond it-Trattati ta' Adeżjoni rilevanti, għandu jittieħed kont ta' l-*acquis communautaire* sabiex jiġu stabbiliti linji bażi għall-attivitajiet ta' proġetti li jkunu saru f'pajjiżi li jkunu se jaderixxu ma' l-Unjoni.

(12) Stat Membru li jawtorizza lill-entitajiet privati jew pubbliċi sabiex jieħdu sehem f'attivitajiet ta' proġetti jibqa' responsabbli għat-twettiq ta' l-obbligi tiegħu taħt il-*UNFCCC* u l-Protokoll ta' Kjoto u għandu jiżgura li tali parteċipazzjoni tkun konsistenti mal-linji gwida, modalitajiet u proċeduri adottati rilevanti skond il-*UNFCCC* jew il-Protokoll ta' Kjoto.

(13) Skond il-*UNFCCC*, il-Protokoll ta' Kjoto u kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti adottata għall-implimentazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom isostnu attivitajiet ta' żvilupp tal-kapaċitajiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u f'pajjiżi fejn l-ekonomija tagħhom tkun fi transizzjoni sabiex jgħinuhom jagħmlu użu sħiħ tal-*JI* u tal-*CDM* b'mod ta' appoġġ ta' l-istrateġiji tagħhom ta' żvilupp sostenibbli. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-isforzi u tirrapporta dwarhom f'dan ir-rigward.

(14) Kriterji u linji gwida li huma rilevanti fil-konsiderazzjoni ta' jekk proġetti ta' produzzjoni ta' enerġija idroelettrika għandhomx impatti negattivi kemm ambjentali kif ukoll soċjali ġew identifikati mill-Kummissjoni Dinjija dwar id-Digi fir-Rapport tagħha ta' Novembru tas-sena 2000, "Digi u Żvilupp. Qafas ġdid għat-Teħid ta' Deċiżjonijiet", mill-*OECD* u mill-Bank Dinji.

([1]) ĠU L 49, tad-19.2.2004, p. 1

(15) Ladarba l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' proġetti *JI* u *CDM* hija volontarja, ir-responsabbilità ambjentali u soċjali korporattiva u li wieħed jagħti kont ta' l-azzjonijiet tiegħu għandhom jiġu msaħħa skond il-paragrafu 18 tal-Pjan ta' Implimentazzjoni tas-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli. F'dak ir-rigward, il-kumpanniji għandhom jiġu mħeġġa biex itejbu l-prestazzjoni soċjali u ambjentali ta' attivitajiet ta' *JI* u *CDM* li jipparteċipaw fihom.

(16) L-informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' proġetti li fihom Stat Membru jipparteċipa jew jawtorizza lill-entitajiet privati jew pubbliċi sabiex jipparteċipaw għandha tkun disponibbli lill-pubbliku skond id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali ([1]).

(17) Il-Kummissjoni tista' tinkludi riferenza għall-impatti fuq is-suq ta' l-elettriku fir-rapporti tagħha dwar l-iskambju ta' emissjonijiet u l-użu ta' krediti minn attivitajiet ta' proġetti.

(18) Wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ta' Kjoto, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk ikunx possibbli li jiġi konkluż ftehim ma' pajjiżi elenkati fl-Anness B għall-Protokoll ta' Kjoto li għad iridu jirratifikawh, sabiex ikun previst ir-rikonoxximent ta' kwoti bejn l-iskema tal-Komunità u l-iskemi obbligatorji ta' skambju ta' emissjonijiet ta' gass serra li jiffissaw limitu massimu għall-emissjonijiet assoluti stabbiliti f'dawk il-pajjiżi.

(19) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, il-ħolqien ta' konnessjoni bejn il-mekkaniżmi bbażati fuq proġett ta' Kjoto u l-iskema tal-Komunità, ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri li jaġixxu individwalment, jista' għalhekk minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Direttiva, jintlaħaq aħjar fuq livell Komunitarju. Il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(20) Id-Direttiva 2003/87/KE għandha għalhekk tiġi emendata għaldaqstant,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

([1]) ĠU L 41, ta' l-14.2.2003, p. 26.

*Artikolu 1*

**L-Emendi għad-Direttiva 2003/87/KE**

Id-Direttiva 2003/87/KE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1) Fl-Artikolu 3, il-punti li ġejjin għandhom jiġu miżjuda:

"(k) 'Parti għall-Anness I' tfisser Parti elenkata fl-Anness I ta' l-*UNFCCC* li rratifikat il-Protokoll ta' Kjoto kif speċifikat fl-Artikolu 1(7) tal-Protokoll ta' Kjoto;

(l) 'attività ta' proġett' tfisser attività ta' proġett approvata minn Parti waħda jew aktar għall-Anness I skond l-Artikolu 6 jew l-Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Kjoto u d-deċiżjonijiet adottati skond il-*UNFCCC* jew il-Protokoll ta' Kjoto;

(m) 'unità ta' tnaqqis ta' emissjoni' (*ERU*) tfisser unità maħruġa skond l-Artikolu 6 tal-Protokoll ta' Kjoto u d-deċiżjonijiet adottati skond il-*UNFCCC* jew il-Protokoll ta' Kjoto;

(n) 'tnaqqis ta' emissjoni ċċertifikata' (*CER*) tfisser unità maħruġa skond l-Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Kjoto u d-deċiżjonijiet adottati skond il-*UNFCCC* jew il-Protokoll ta' Kjoto."

2) L-Artikoli li ġejjien għandhom jiddaħlu wara l-Artikolu 11:

"*Artikolu 11a*

**L-użu ta' *CERs* u *ERUs* minn attivitajiet ta' proġetti fl-iskema tal-Komunità 1**

1. Bla ħsara għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jħallu lill-operaturi jużaw *CERs* u *ERUs* minn attivitajiet ta' proġetti fl-iskema tal-Komunità matul kull perjodu msemmi fl-Artikolu 11(2), sa persentaġġ ta' l-allokazzjoni lil kull installazzjoni, li jiġi speċifikat minn kull Stat Membru fil-Pjan ta' Allokazzjoni Nazzjonali tiegħu għal dak il-perjodu. Dan għandu jseħħ permezz tal-ħruġ u ċ-ċediment immedjat ta' kwota waħda bi tpartit ma' *CER* jew *ERU* wieħed fil-pussess ta' dak l-operatur fir-reġistru nazzjonali tiegħu.

2. Bla ħsara għall-paragrafu 3, matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 11(1), l-Istati Membri jistgħu jħallu lill-operaturi jużaw *CERs* minn attivitajiet ta' proġetti fl-iskema tal-Komunità. Dan għandu jseħħ permezz tal-ħruġ u ċ-ċediment immedjat ta' kwota waħda minn Stat Membru bi tpartit ma' *CER* wieħed. L-Istati Membri għandhom jikkanċellaw *CERs* li jkunu ġew użati minn operaturi matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 11(1).

3. Il-*CERs* u l-*ERUs* kollha li jinħarġu u li jistgħu jiġu wżati skond il-*UNFCCC*u l-Protokoll ta' Kjoto u d-deċiżjonijiet sussegwenti adottati taħthom jistgħu jintużaw fl-Iskema tal-Komunità: ħlief għal dawn li ġejjin:

(a) B'rikonoxximent li skond il-*UNFCCC* u l-Protokoll ta' Kjoto u deċiżjonijiet sussegwenti adottati taħthom, l-Istati Membri għandhom iżommu lura milli jużaw *CERs* u *ERUs* iġġenerati minn faċilitajiet nukleari sabiex jissodisfaw l-impenni tagħhom taħt l-Artikolu 3 (1) tal-Protokoll ta' Kjoto u d-Deċiżjoni 2002/358/KE, li l-operaturi għandhom iżommu lura milli jużaw *CERs* u *ERUs* iġġenerati minn tali faċilitajiet fl-iskema tal-Komunità matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 11(1) u l-ewwel perjodu ta' ħames snin imsemmi fl-Artikolu 11(2);

u

(b) l-użu ta' l-art, użu ġdid ta' l-art u attivitajiet ta' forestrija.

*Artikolu 11b*

**L-attivitajiet tal-proġett**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura neċessarja sabiex jiżguraw li l-linji bażi għall-attivitajiet tal-proġetti, kif definiti minn deċiżjonijiet sussegwenti adottati taħt il-*UNFCCC* jew il-Protokoll ta' Kjoto li jkunu saru f'pajjiżi li iffirmaw it-Trattat ta' Adeżjoni ma' l-Unjoni jkunu kompletament konformi ma' l-*acquis communautaire*, inklużi d-derogi temporanji stabbiliti f'dak it-Trattat ta' Adeżjoni.

2. Ħlief kif previst fil-paragrafi 3 u 4, l-Istati Membri li jospitaw attivitajiet ta' proġetti għandhom jiżguraw li ma jinħarġu ebda *ERUs* jew *CERs* għal tnaqqis jew limitazzjoni ta' emissjoni ta' gass serra minn stallazzjonijiet koperti b'din id-Direttiva.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2012, għall-attivitajiet ta' proġetti tal-*JI* u l-*CDM* li jnaqqsu jew jillimitaw direttament l-emissjonijiet ta' installazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, *ERUs* u *CERs* jistgħu jinħarġu biss jekk numru ekwivalenti ta' kwoti jiġu kkanċellati mill-operatur ta' dik l-istallazzjoni.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2012, għall-attivitajiet dwar proġetti tal-*JI* u l-*CDM* li jnaqqsu jew jillimitaw indirettament il-livell ta' l-emissjoni ta' stallazzjonijiet fil- kamp ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, *ERUs* u *CERs* jistgħu jinħarġu biss jekk numru ekwivalenti ta' kwoti jiġu ikkanċellati mir-reġistru nazzjonali ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini tal-*ERUs* jew tal-*CERs*.

5. Stat Membru li jawtorizza lill-entitajiet privati jew pubbliċi biex jipparteċipaw f'attivitajiet ta' proġetti għandu jibqa' responsabbli għat-twettiq ta' l-obbligi tiegħu taħt il-*UNFCCC* u l-Protokoll ta' Kjoto u għandu jiżgura li tali parteċipazzjoni tkun konsistenti mal-linji gwida, modalitajiet u proċeduri adottati rilevanti skond il-*UNFCCC* jew il-Protokoll ta' Kjoto.

6. Fil-każ ta' attivitajiet ta' proġetti ta' produzzjoni ta' enerġija idroelettrika b'kapaċità ta' ġenerazzjoni li taqbeż l-20 MW, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, meta japprovaw tali attivitajiet ta' proġetti, li l-kriterji u l-linji gwida internazzjonali rilevanti, inklużi dawk li hemm fir-Rapport ta' Novembru tas-sena 2000 mill-Kummissjoni Dinjija dwar id-Digi, 'Digi u Żvilupp-Qafas ġdid għat-Teħid ta' Deċiżjonijiet' fir-Rapport Finali ta' Novembru tas-sena 2000 tal-Kummissjoni Dinjija dwar id-Digi, ikunu rrispettati matul l-iżvilupp ta' tali attivitajiet ta' proġetti.

7. Dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 3 u 4, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-evitar ta' għadd doppju, u kwalunkwe dispożizzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' paragrafu 5 fejn il-parti ospitanti tissodisfa l-ħtiġiet ta' eliġibilità kollha għall-attivitajiet ta' proġetti tal-*JI*, għandhom jiġu adottati skond l-Artikolu 23(2)."

3) L-Artikolu 17 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 17*

**L-aċċess għall-informazzjoni**

Id-Deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni ta' kwoti, l-informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' proġetti fejn Stat Membru jipparteċipa jew jawtorizza lill-entitajiet privati jew pubbliċi biex jipparteċipaw, u r-rapporti dwar l-emissjonijiet meħtieġa fil-permess dwar l-emissjoni ta' gass serra u li jinżamm mill-awtorità kompetenti, għandhom ikunu aċċessibbli lill-pubbliku skond id-Direttiva 2003/4/KE."

4) Fl-Artikolu 18, is-subparagrafu li ġej għandu jiġi miżjud:

"L-Istati Membri għandhom b'mod partikulari jiżguraw li jkun hemm koordinazzjoni bejn il-punt fokali tagħhom sabiex jiġu approvati attivitajiet ta' proġetti skond l-Artikolu 6(1)(a) tal-Protokoll ta' Kjoto u l-awtorità nazzjonali nominata tagħhom għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Kjoto rispettivament nominati skond deċiżjonijiet sussegwentement adottati taħt l-*UNFCCC* jew il-Protokoll ta' Kjoto."

5) F'paragrafu 3 ta' l-Artikolu 19 is-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda:

"Dak ir-Regolament għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-użu u l-identifikazzjoni ta' *CERs* u *ERUs* fl-iskema tal-Komunità u dwar il-monitoraġġ tal-livell ta' tali użu."

6) L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) F'paragrafu 1 it-tieni sentenza għandha tiġi mibdula b'dan li ġej:

"Dan ir-rapport għandu jagħti kas b'mod partikulari ta' l-arranġamenti għall-allokazzjoni ta' kwoti, l-użu ta' *ERUs* u *CERs* fl-iskema tal-Komunità, l-operat tar-reġistri, l-applikazzjoni tal-linji gwida dwar ir-rappurtaġġ u l-monitoraġġ, il-verifika u l-kwistjonijiet dwar il-konformità mad-Direttiva u t-trattament fiskali ta' kwoti, jekk ikun hemm."

(b) Paragrafu 3 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri dwar l-iżviluppi dwar il-kwistjonijiet ta' kwoti, l-użu ta' *ERUs* u *CERs* fl-iskema tal-Komunità, l-operat tar-reġistri, il-monitoraġġ, ir-rappurtaġġ, il-verifika u l-konformità."

7) L-Artikolu li ġej huwa mdaħħal wara l-Artikolu 21:

"*Artikolu 21a*

**L-appoġġ ta' attivitajiet ta' żvilupp ta' kapaċità**

Skond il-*UNFCCC*, il-Protokoll ta' Kjoto u kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti adottata għall-implimentazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jappoġġaw attivitajiet ta' żvilupp tal-kapaċitajiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u f'pajjiżi fejn l-ekonomija tkun fi transizzjoni sabiex jgħinuhom jagħmlu użu sħiħ tal-*JI* u tal-*CDM* b'mod ta' appoġġ ma' l-istrateġiji tagħhom ta' żvilupp sostenibbli u sabiex jiffaċilitaw it-tqabbid ta' entitajiet fl-iżvilupp u l-implementazzjoni ta' proġett ta' *JI* u *CDM*."

8) L-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) F'paragrafu 2, punt (d) għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"(d) l-użu ta' krediti minn attivitajiet ta' proġetti, inkluż il-bżonn għall-armonizzazzjoni ta' l-użu permess ta' *ERUs* u *CERs* fl-iskema tal-Komunità;"

(b) f'paragrafu 2 għandhom jiġu miżjuda l-punti li ġejjin:

"(l) l-impatt ta' l-attivitajiet ta' proġetti fuq il-pajjiżi ospitanti, b'mod partikulari fuq l-għanijiet ta' żvilupp tagħhom, kemm ta' attivitajiet ta' proġetti ta' produzzjoni ta' enerġija idroelettrika *JI* u *CDM* b'kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' aktar minn 500 MW li għandhom impatti ambjentali jew soċjali negattivi ġew approvati, u l-użu futur ta' *CERs* jew *ERUs* li jirriżultaw minn kwalunkwe attività ta' proġetti tali ta' produzzjoni ta' enerġija idroelettrika fl-iskema tal-Komunità;

(m) is-sostenn ta' sforzi għall-ħolqien ta' kapaċitajiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u f'pajjiżi b'ekonomiji tranżitorji;

(n) il-modalitajiet u proċeduri għall-approvazzjoni ta' l-Istati Membri ta' attivitajiet ta' proġetti domestiċi u għall-ħruġ ta' kwoti fir-rigward ta' tnaqqis jew limitazzjonijiet ta' emissjonijiet li jirriżultaw minn tali attivitajiet mill-2008;

(o) dispożizzjonijiet tekniċi dwar in-natura temporanja tal-krediti u l-limitu ta' 1 % għall-eliġibilità għall-użu ta' l-art, użu ġdid ta' l-art u attivitajiet ta' proġetti ta' afforestazzjoni kif stabbilit fid-Deċiżjoni 17/CP.7, u d-dispożizzjonijiet dwar ir-riżultat tal-valutazzjoni ta' riskji potenzjali assoċjati ma' l-użu ta' l-organiżmi modifikati ġenetikament u speċji barranin li huma potenzjalment invażivi b'attivitajiet ta' proġetti ta' afforestazzjoni u afforestazzjoni mill-ġdid sabiex iħallu lill-operaturi jużaw *CERs* u *ERUs* li jirriżultaw mill-użu ta' l-art, użu ġdid ta' l-art u attivitajiet ta' proġetti ta' afforestazzjoni fl-iskema tal-Komunità mill-2008, skond id-deċiżjonijiet adottati skond il-*UNFCCC* u l-Protokoll ta' Kjoto."

(ċ) Paragrafu 3 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Qabel kull perjodu msemmi fl-Artikolu 11(2), kull Stat Membru għandu jippublika fil-pjan ta' l-allokazzjoni nazzjonali tiegħu l-użu previst ta' *ERUs* u *CERs* u l-persentaġġ massimu ta' l-allokazzjoni għal kull stallazzjoni li l-operaturi jistgħu jużaw *ERUs* u *CERs* fl-iskema tal-Komunità għal dak il-perjodu. L-użu totali ta' *ERUs* u *CERs* għandu jkun konsistenti ma' l-obbligi supplimentari rilevanti taħt il-Protokoll ta' Kjoto u l-*UNFCCC* u d-deċiżjonijiet adottati taħthom.

L-Istati Membri għandhom, skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru. 280/2004/KE, jirrappurtaw lill-Kummissjoni kull sentejn dwar kemm l-azzjoni domestika attwalment tikkostitwixxi element sinifikanti ta' l-isforzi magħmula f'livell nazzjonali, kif ukoll safejn l-użu tal-mekkaniżmi dwar il-proġetti hu attwalment supplimentari għall-azzjoni domestika u l-proporzjon ta' bejniethom, skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Protokoll ta' Kjoto (*) u d-deċiżjonijiet adottati taħthom. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar dan skond l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni msemmija. Fid-dawl ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, jekk xieraq, tagħmel proposti leġiżlattivi jew oħrajn sabiex tikkomplementa id-dispożizzjonijiet minn Stati Membri biex tiżgura li l-użu tal-mekkaniżmi hu supplimentari għall-azzjoni domestika fil-Komunità.

(*) Ġ U L 49, tad-19.2.2004, p. 1."

9) Fl-Anness III il-punt li ġej għandu jiġi miżjud: Fl-Anness V il-punt li ġej huwa miżjud:

"12. Il-pjan għandu jispeċifika l-ammont massimu ta' *CERs* u *ERUs* li jista' jintuża minn operaturi fl-iskema tal-Komunità bħala persentaġġ ta' l-allokazzjoni tal-kwoti għal kull stallazzjoni. Il-persentaġġ għandu jkun konsistenti ma' l-obbligi supplimentari ta' l-Istati Membri taħt il-Protokoll ta' Kjoto u d-deċiżjonijiet adottati skond il-*UNFCCC* jew il-Protokoll ta' Kjoto."

*Artikolu 2*

**L-Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-13 ta' Novembre 2005. Għandhom minnufih jinformaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkompanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali, li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

*Artikolu 3*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, nhar it-28 ta' Ottubru 2004

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | A. NICOLAI |